MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2034/1999/1

Anthony **GATT** u martu Anna

vs

Joseph **CUTAJAR** u martu Kathy

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Settembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li l-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin jaħtu għad-danni kaġunati fi ħwejjiġhom, jiġifieri d-dar bl-isem "*The Lodge*" fi Triq il-Knisja, Ħal Tarxien, minħabba xogħlijiet ta' tħaffir li l-istess imħarrkin għamlu f'ġid tagħhom li jmiss mal-ġid tal-atturi; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan, id-danni mġarrba minnhom minħabba x-xogħlijiet

magħmula mill-imħarrkin; (iii) tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati; (iv) issib li l-imħarrkin appoġġaw il-bini ġdid imtella' minnhom mal-ġid tal-atturi; u (v) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom il-kumpens xieraq għall-imsemmi appoġġ, jekk meħtieġ billi taħtar perit ukoll biex jillikwida dak il-kumpens. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat li b'Nota ta' Eċċezzjonijiet imressqa fis-27 ta' Jannar, 2000, l-imħarrkin miżżewġin Cutajar laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma kienu b'xi mod jaħtu għal xi danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu u kif ukoll li huma wżaw xi makkinarju qawwi jew għamlu xi xogħol ta' tħaffir fil-blat. Dwar it-talba għall-kumpens minħabba l-appoġġ, laqgħu billi qalu li l-atturi qatt ma talbuhom kumpens, u ladarba huma ma jikkontestawx il-pretensjoni tal-atturi f'dan ir-rigward, m'għandhomx ibatu l-ispejjeż dwar din it-talba;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Mejju, 2000[1], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Joseph Briffa bħala perit tekniku biex jagħmel kostatazzjonijiet tekniċi;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi perit tekniku fis-6 ta' Marzu, 2002[2], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2002;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fil-25 ta' Marzu, 2002[3], li biha talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Mejju, 2002[4], li bih ħatret lill-Perit Arkitett David Paċe, il-Perit Arkitett Joseph Jaccarini u lill-Perit Arkitett Frederick Doublet bħala periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2003[5], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-13 ta' Frar, 2003, awtorizzat lill-istess imħarrkin sabiex, qabel ma l-periti addizzjonali jkomplu jwettqu l-ħatra tagħhom,

---

[1] Paġ. 12 tal-proċess
[2] Paġġ. 59 sa 71 tal-proċess
[3] Paġ. 81 tal-proċess
[4] Paġ. 89 tal-proċess
[5] Paġ,. 93 tal-proċess

huma jkunu jistgħu jtellgħu lill-perit tekniku b'xhud tagħhom f'eskussjoni;

Rat it-tweġibiet mogħtija bil-miktub u maħlufa kif imiss mill-perit tekniku fit-23 ta' Ġunju, 2004[6], u semgħet ix-xhieda ulterjuri tiegħu dak inhar ukoll[7], fuq sensiela ta' mistoqsijiet magħmula lilu mill-imħarrkin b'Nota tagħhom tal-5 ta' April, 2004[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' Awissu, 2005[9], biex tittieħed in konsiderazzjoni mill-periti addizzjonali meta jgħaddu għar-rapport tagħhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-9 ta' Settembru, 2005[10], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat ir-Relazzjoni addizzjonali mressqa mill-periti addizzjonali fis-6 ta' Marzu, 2007[11], u minnhom maħlufa waqt is-smigħ tat-2 ta' Ottubru, 2007;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2007[12], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin, awtorizżat li l-perit addizzjonali jitħallew jitressqu b'xhud tagħhom in eskussjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-periti addizzjonali fit-18 ta' Frar, 2008[13], bit-tweġibiet għall-mistoqsijiet magħmulin lilhom mill-imħarrkin fl-inġunzjoni tagħhom tas-7 ta' Jannar, 2008[14], u minnhom maħlufa waqt is-smigħ tal-20 ta' Frar, 2008;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2008[15], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-imħarrkin, tathom żmien biex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri;

---

6 Dok "JAB" f'paġġ. 104 – 5 tal-proċess
7 Paġġ. 107 – 9 tal-proċess
8 Paġġ. 102 – 3 tal-proċess
9 Paġġ. 116 – 121 tal-proċess
10 Paġġ. 123 – 130 tal-proċess
11 Paġġ. 139 sa 164 tal-proċess
12 Paġ. 177 tal-proċess
13 Paġġ. 183 – 5 tal-proċess
14 Paġġ. 179 – 180 tal-proċess
15 Paġ. 187 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrkin fis-6 ta' Novembru, 2008[16];

Rat li l-atturi ma ressqux Nota b'sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ħsara minħabba xogħlijiet li saru f'post li jmiss ma' post ieħor u għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens minħabba appoġġ ta' bini ġdid ma' bini eżistenti. L-atturi, bħala s-sidien ta' post li jinsab f'Ħal Tarxien, jgħidu li waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' bini f'sit li jmiss mal-post tagħhom, saret ħsara fi ħwejjiġhom meta ħajt u parti mid-dar tagħhom iġġarrfu, u saret ħsara fis-sisien tad-dar tagħhom u fil-bir rinforzat. Minbarra dan, meta l-imħarrkin tellgħu l-post tagħhom, huma qabbdu l-binja l-ġdida mal-post tal-atturi u baqgħu ma ħallsux kumpens għal tali appoġġ. L-atturi jridu li jitħallsu tad-danni li ġarrbu u jridu wkoll li jitħallsu kumpens xieraq għall-appoġġ u dan billi jitqabbad perit maħtur mill-Qorti;

Illi l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma kienu b'xi mod jaħtu għal xi danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu u kif ukoll li huma wżaw xi makkinarju qawwi jew għamlu xi xogħol ta' tħaffir fil-blat. Dwar it-talba għall-kumpens minħabba l-appoġġ, laqgħu billi qalu li l-atturi qatt ma talbuhom kumpens, u ladarba huma ma jikkontestawx il-pretensjoni tal-atturi f'dan ir-rigward, m'għandhomx ibatu l-ispejjeż dwar din it-talba;

---

[16] Paġġ. 198 sa 203 tal-proċess

Illi mill-atti tal-kawża jirriżultaw il-fatti ewlenin li sejrin issa jissemmew. L-atturi joqogħdu fid-dar li ġġib l-isem ta' "*The Lodge*" fi Triq il-Knisja, Ħal Tarxien kantuniera ma' Triq Danjel Ċeċi. L-atturi bnew il-post f'xi l-1989 u meta kisbu l-art li bnewh fuqha, is-sit ta' wrajh ukoll kien għadu art mhux mibnija. L-imħarrkin huma s-sidien tas-sit li jiġi wara dak li fuqu nbniet id-dar tal-atturi, b'faċċata fuq Triq Danjel Ċeċi. Bejn il-faċċata tad-dar tal-atturi fi Triq il-Knisja u l-faċċata tad-dar tal-imħarrkin fi Triq Danjel Ċeċi hemm dislivell ta' madwar tliet filati fil-wiċċ tal-art, bid-dar tal-atturi tkun fil-livell ogħla;

Illi l-imħarrkin bdew jagħmlu xogħol ta' tindif tas-sit tagħhom għall-ħabta ta' Settembru tal-1997 wara li f'Ġunju ta' dik is-sena kienu nħarġu l-permessi tal-awtorita' kompetenti għall-iżvilupp mitlub[17]. Xhieda tal-atturi tgħid li ntuża JCB li qatta' blat f'dak is-sit u li t-tqattigħ baqa' sejjer sewwasew sa taħt il-ħajt li jifred il-ġnien tal-post tal-atturi u s-sit imħammel[18]. L-imħarrek jgħid li għalkemm kien inġab JCB fis-sit, ma kienx ra jsir xi tqattigħ tal-blat taħt il-ħajt li jifred il-ġnien tal-post tal-atturi u s-sit, iżda ra biss tħammil bl-użu tal-pala tal-istess inġenji. Dan kien konfermat ukoll mill-perit imqabbad mill-imħarrkin[19] u wkoll mill-persuna mqabbda biex tħammel is-sit[20]. It-tqattigħ tal-blat sar band'oħra fis-sit[21];

Illi waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' tħammil u tqattigħ, saret ħsara fil-post tal-atturi. Din kienet fis-sisien u fil-bir rinfurzat (li spiċċa ħariġlu l-ilma li kien hemm fih), iġġarraf ħajt diviżorju li jagħti mal-ġnien, saret ħsara wkoll fis-sistema tal-elettriku u f'xi aperturi[22];

Illi meta ntemm ix-xogħol tat-tħammil u t-tindif tas-sit, ix-xogħol waqaf għal madwar xahrejn. Minħabba li dehru xi sinjali fil-ħajt diviżorju – li kien mibni fi ħxuna ta' ġebla singla u miksi b'ġebel tas-sejjieħ dekorattiv – wara li kienet għamlet ix-xita, l-atturi qabbdu perit biex jara x'kien

[17] Dok "K5", f'paġġ. 37 sa 40 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Kurt Gatt 5.10.2000, f'paġ. 20 tal-proċess
[19] Xhieda tal-A.I.Ċ. Godwin Aquilina 21.3.2001, f'paġ. 35 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Consiglio Busuttil 10.4.2001, f'paġ. 41 tal-proċess
[21] Xhieda tiegħu 25.10.2000, f'paġ. 33 tal-proċess
[22] Xhieda tal-attur 29.8.2000, f'paġ. 13 tal-proċess

qed jiġri. F'rapport li hu tahom lejn l-aħħar ta' Novembru, wera t-tħassib tiegħu li l-ħajt sata' jiġġarraf minn ħin għal ieħor għaliex tħalla mikxuf[23]. Ftit tal-jiem wara, l-ħajt tal-ġnien tal-post tal-atturi tabilħaqq iġġarraf għal ġos-sit tal-post tal-imħarrkin;

Illi meta sar it-taħmil tas-sit, tnaddaf ukoll eżatt mal-ħajt tal-ġnien tal-post tal-atturi tant li s-sisien ta' dak il-ħajt inkixfu. L-imħarrek jgħid li, wara li sar dak it-taħmil, raġa' ntefa' xi materjal biex jirfed il-ħajt. Is-sisien tal-ħajt iġġarrfu wara maltempata fl-1 ta' Diċembru, 1997, għal tul ta' madwar sitta u tletin pied (36')[24] u dan ġibed miegħu l-ħajt ta' fuqu u kwantita' ta' ħamrija tal-ġnien li kienet tistrieħ mal-istess ħajt u kif ukoll parti oħra minn ħajt kartabun miegħu li jagħti għal fuq Triq Daniel Ċeċi. Ċedew ukoll xi mogħdijiet fil-ġnien tal-post tal-atturi filwaqt li l-ilma ta' ġiebja li kien hemm fil-ġnien qrib il-ħajt tbattal kollu. Il-ħajt dam imġarraf xi tliet (3) xhur u mbagħad ittella' mill-ġdid mill-atturi (billi qabbdu lill-istess bennej li kien bnielhom id-dar[25]), bi spejjeż tagħhom u taħt is-sorveljanza tal-perit imqabbad minnhom[26]. Il-ħajt il-ġdid ittella' fuq sisien ta' kantun doblu. L-atturi sewwew il-ħsara li ġrat minn buthom wara li kienu reġgħu qabbdu lill-imsemmi perit arkitett biex jistma n-nefqa tal-ħsara mġarrba[27];

Illi l-atturi fetħu din il-kawża f'Settembru tal-1999;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> jitolbu li l-Qorti tistħarreġ il-kwestjoni tar-responsabbilta' għal dak li ġara u kif ukoll l-aspett tekniku tal-għażla tal-imħarrkin li jappoġġaw il-binja l-ġdida tagħhom mal-binja tal-atturi. Fis-sewwa jrid jingħad li l-imħarrkin ma jikkontestawx il-jedd tal-atturi li jippretendu l-kumpens minħabba l-eżerċizzju tal-imsemmi appoġġ: dak li jgħidu l-imħarrkin hu li m'huwiex xieraq li jitgħabbew bl-ispejjeż tal-imsemmija talba attriċi ladarba qatt, sal-waqt li nfetħet il-

[23] Dok "AG26", f'paġ. 18 tal-proċess
[24] Li jġibu qrib ħdax-il metru (11m)
[25] Xhieda ta' Kostantino Gatt 13.9.2000, f'paġ. 15 tal-proċess
[26] Xhieda tal-attriċi 29.8.2000, f'paġ. 14 tal-proċess
[27] Dok "AG27", f'paġ. 19 tal-proċess

kawża, ma kienu ntalbu jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tal-kumpens;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **l-azzjoni attriċi dwar id-danni mġarrba fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarha**. Biex tagħmel dan, u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, jeħtiġilha tqis sewwa l-kostatazzjonijiet ta' għamla teknika li tabilfors jiddominaw il-kwestjoni. In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrkin jaħtu għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta' ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[28];

Illi huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[29], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[30]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[31]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[32];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni[33]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-atturi ġarrbu l-ħsarat li minnhom jilmintaw u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrkin kienu jaħtu għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalita'

---

[28] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[29] Art. 1031 tal-Kap 16
[30] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[31] Art. 1033 tal-Kap 16
[32] Art. 1029 tal-Kap 16
[33] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***

bejn l-għamil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-atturi;

Illi l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom għad-danni fuq żewġ (2) ċirkostanzi ewlenin. L-ewwel ċirkostanza hija minħabba l-mod kif sar it-tħammil tas-sit ta' l-imħarrkin qrib il-ħajt tal-ġnien tal-post tal-atturi. Filwaqt li t-tieni ċirkostanza hija dwar il-fatt li, meta ntemm ix-xogħol tat-tindif tas-sit, ix-xogħol twaqqaf għal xi xahrejn bla ma sar irfid xieraq tal-ħajt li nkixef sas-sisien tiegħu u tħalla espost għall-elementi;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jiddefendu rwieħhom mix-xilja li jagħmlulhom l-atturi b'għadd ta' argumenti. Jibdew biex jgħidu li l-ħtija ta' dak kollu li ġara taqa' fuq l-atturi nfushom (id-difiża tal-kontributorjeta') billi jgħidu li l-atturi naqsu u tefgħu l-ġebla fuq saqajhom meta bnew ħajt li l-ħxuna tiegħu ma kenitx dik mitluba mil-liġi fl-artikolu 407 tal-Kodiċi Ċivili, iżda billi bnew ħajt singlu. Minbarra dan, jgħidu li l-atturi aggravaw aktar il-qagħda billi tefgħu l-ħamrija miġmugħa sal-istess ħajt meta l-ħajt kif imtella' ma kienx jiflaħ il-piż ta' dik il-ħamrija. Imbagħad, iressqu d-difiża tan-nuqqas ta' rabta bejn l-għamil tagħhom u dak li ġara, meta jgħidu li x-xogħol ta' tħammil kien ilu xahrejn li ntemm qabel ma l-ħajt iġġarraf: li kieku l-ħajt iġġarraf bi ħtija tax-xogħlijiet li kienu għaddejjin, dan kien jiġġarraf huma u għaddejjin ix-xogħlijiet u mhux xhur wara. It-tielet linja difensjonali kienet li huma mxew ma' dak li trid il-liġi fit-tgawdija u sfruttament ta' ħwejjiġhom[34], u ladarba ma għamlu xejn kontra l-liġi u nqdew bil-jedd tagħhom fil-qies li jmiss, m'għandhomx iwieġbu għal xi ħsara li tiġri b'użu bħal dak[35]. Fl-aħħarnett jiddefendu rwieħhom billi jgħidu li ma ntweriex mill-atturi li tassew sar xogħol ta' tqattigħ tal-blat bil-JCB u għalhekk l-atturi naqsu li jippruvaw li l-ħajt tagħhom iġġarraf minħabba fil-mod kif saru x-xogħlijiet;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-atturi jgħidu li kien hu u għaddej ix-xogħol tal-iżvilupp tas-sit tal-imħarrkin li saret ħsara fil-post tagħhom. Dik il-ħsara ma kenitx hemm qabel inbeda dak ix-xogħol. F'dan ir-rigward, huma jgħidu

[34] Art. 320 tal-Kap 16
[35] Art. 1030 tal-Kap 16

li l-mod kif sar ix-xogħol kien wieħed li ġabilhom ħsara fi bnadi differenti tad-dar tagħhom, l-aktar fuq in-naħa ta' wara fejn hemm il-ġnien. Jgħidu li dan ġara minħabba li t-tħammil sar bil-qtugħ tal-materjal sewwasew sa taħt il-ħajt tal-post tagħhom;

Illi għalkemm huma jsejsu l-każ fuq l-allegazzjoni li t-tħammil tas-sit tal-imħarrkin sar bit-tqattigħ ta' blat (liema ċirkostanza l-imħarrkin u x-xhud tagħhom jiċħduha għal kollox), il-Qorti jidhrilha li l-qofol tal-istħarriġ irid isir aktar dwar safejn baqa' dieħel ix-xogħol milli b'liema mod sar. Fi kliem ieħor, huwa aktar rilevanti li jitqies il-fatt li t-tħammil tas-sit – sar b'liema mezzi sar – kixef sas-sisien ħajt li mbagħad iġġarraf. Mill-provi mressqa, ħareġ ċar li t-tħammil sar sa taħt il-post tal-atturi bla ma nżammet id-distanza msemmija fl-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-imħarrkin jisħqu li x-xogħol sar sewwa, fi ħwejjiġhom, taħt is-sorveljanza tal-perit tagħhom (li meta xehed ukoll tenna dan kollu) u b'ħarsien ta' kulma titlob il-liġi;

Illi meta jitqiesu dawn il-fatti wieħed jista' jistenna li l-imsemmija xogħlijiet tabilfors kellhom iħallu effetti fuq il-post, isir kemm isir bilgħaqal ix-xogħol ta' tħammil. L-imsemmi artikolu jipprovdi li: "*Ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetri mill-ħajt diviżorju*". Il-għan tal-leġislatur dwar din id-dispożizzjoni – li tirreferi kemm għat-tħaffir, tħammil jew ukoll xogħlijiet oħra[36] – taħseb biss biex tħares li ma jsir xejn f'fond li jista' jġib xi ħsara jew li jdgħajjef il-ħajt li jifred dak il-fond mill-fond li jmiss miegħu[37]. Dan jgħodd kemm jekk il-ħajt ikun jifred biss post mill-post ta' ħdejh, u kif ukoll jekk ikun ħajt li qiegħed jerfa' fuqu xi bini, u mhux limitat biss għall-ħitan li jifirdu ġid minn ieħor fuq il-ġnub iżda jgħodd ukoll għall-ħitan li jifirdu postijiet li jmissu ma' xulxin fuq wara[38], ukoll fejn il-wiċċ ta' sit ma jkunx l-istess livell tal-wiċċ tas-sit ta'

---

[36] Ara P.A. **14.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Eric Fenech Paċe et vs Bajja Developments Ltd*** (mhix appellata); u App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Vella et vs David Micallef et***
[37] Caruana Galizia _Notes on Civil Law: Servitudes_, f'paġ. 663
[38] Maġ. (Għ) AE **14.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Aġius et vs Gozo Consolidated Buliding Contractors Ltd et*** (mhix appellata)

ħdejh[39]. Kemm hu hekk, is-sid ta' fond li jagħmel tħaffir jew xogħlijiet bħal dawn xorta waħda jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri lill-ħajt minkejja li jkun żamm il-bogħod imsemmi, u sakemm il-ħajt ma jkunx inbena bi ksur tad-drawwiet u r-regoli tas-sengħa taż-żmien li fih inbena[40];

Illi fuq kollox, jekk kemm-il darba jirriżulta li xiħadd naqas li jħares id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 439 hu u jsir xogħol ta' tħaffir fis-sit li jmiss ma' ta' ħaddieħor, titnissel ukoll il-preżunzjoni *juris tantum* li kull ħsara li sseħħ fil-ġid tal-ġar tkun kawża diretta tax-xogħol li jkun qiegħed isir bi ksur ta' dak l-artikolu[41]. Dan iġib il-ħtieġa li min ikun wettaq xogħlijiet ta' tħaffir bi ksur ta' dak l-artikolu, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova li dak ix-xogħol ma ġabx il-ħsara li jkun jilminta minnha l-ġar[42]. Huwa minnu wkoll li r-regola (divjet) tissarraf f'servitu' negativa li, madankollu, hija waħda mibnija f'termini assoluti[43];

Illi mill-provi mressqa (magħduda dawk dokumentali, l-iżjed dawk fis-sura ta' ritratti miġbuda mill-partijiet) flimkien mal-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku meta mar fuq il-post, ħareġ li t-tindif tas-sit tal-imħarrkin baqa' sejjer sewwasew sal-ħajt tal-ġnien tal-atturi. Kemm hu hekk, il-perit (u wħud mir-ritratti) jindika li l-barmil tal-inġenji li kien qed inaddaf is-sit qrib il-ħajt saħansitra giref l-istess ħajt u tabilfors messu. Dawn iċ-ċirkostanzi waħedhom jafu jkunu rilevanti għal dak li setgħet kienet il-kawża tat-tiġrif tal-ħajt, minkejja li sata' jew ma setax tqatta' xi blat f'dawk l-inħawi jew theżhżet l-art b'dak il-mod;
Illi mill-provi mressqa ħareġ bla ebda dubju li l-imħarrkin baqgħu jħammlu s-sit tagħhom sa bogħod anqas minn dak li l-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li kellu tal-anqas jinżamm;

Illi dwar <u>it-tieni ċirkostanza</u>, l-atturi jgħidu li kien minħabba li l-imħarrkin ħallew ix-xogħol wieqaf għal xi ġimgħat u

---

[39] App. Inf. PS **25.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Brincat et vs Salina Estates Ltd et***
[40] Art. 440(1) tal-Kap 16
[41] Maġ. Ċiv (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. John Cassar et vs Salvu Attard et*** (mhix appellata)
[42] P.A. JZM **21.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Simone DeBrincat et vs John Baptist Sammut*** (mhix appellata)
[43] App. Ċiv. **12.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti et vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.283**)

mikxuf bla lqugħ li l-ħajt iġġarraf wara li għamlet ħafna xita u maltemp b'irjieħ. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jargumentaw li kien sewwasew minħabba li x-xogħol tat-tħammil kien ilu li ntemm ix-xhur li l-atturi ma jistgħux jgħidu li l-ħajt iġġarraf minħabba dawk ix-xogħlijiet, iżda ġġarraf minħabba kawżi naturali li nġabu mill-atturi nfushom meta bnew ħajt fuq is-singlu kontra l-liġi;

Illi l-Qorti jidhrilha li dwar din iċ-ċirkostanza jixraq li tirreferi għall-kostatazzjonijiet tal-periti maħturin minnha. Dawk il-kostatazzjonijiet, fil-fehma meqjusa tagħha, jagħtu ħjiel taċ-ċirkostanzi remoti u kif ukoll ta' dawk immedjati li wasslu biex il-ħajt inqaleb ġol-fond tal-imħarrkin u ġibed miegħu l-materjal li kien qiegħed iżomm u biċċa mill-binja tad-dar;

Illi l-ewwel perit kien tal-fehma li "*l-ħajt waqa' għax kif kien mibni bil-kantun singlu ma kienx jiflaħ jirritjeni għall-pressjoni ta' madwar 12-il filata materjal miżjuda bl-ilma li daħal fil-pedament minn naħa waħda biss kif fil-fatt waqa' meta dan inkixef. Kien kostruwit b'saħħtu biżżejjed fiċ-ċirkostanzi meta ritenut minn żewġ naħat kif fil-fatt kien. Naturalment l-inċident ġie aggravat minn theżżiż ikkawżat minn makkinarju waqt ix-xogħol ta' taħmil. Fl-opinjoni tas-sottoskritt, kien kompitu tal-konvenuti li jaraw jekk, meta jħammlu sal-livell kif għamlu u kixfu l-pedament kollu, l-appoġġ kienx b'saħħtu biżżejjed biex jirritjeni l-funzjoni li jilqa' l-materjal min-naħa tal-atturi jekk jiġi espost fiċ-ċirkostanzi li ssemmew. Fin-nuqqas ta' dan, kien il-kompitu tal-konvenuti li jieħdu l-prekawzjoni neċessarja biex fiċ-ċirkostanzi jagħmlu dak kollu neċessarju anke proviżorjament sakemm jiġi mirfud bil-bini tagħhom, u biex dan il-ħajt li ddgħajjef mill-konvenuti ma jċedix. ... l-ħajt waqa' kawża ta' nuqqas minn naħa tal-konvenuti u hi responsabbilta' tagħhom li jagħmlu tajjeb għad-danni kollha kkaġunati lill-atturi* "[44]. Meta, mbagħad ittella' jixhed mill-imħarrkin fl-eskussjoni, huwa qal: "*Ma naqbilx għalhekk illi l-kaġun li waqa' l-ħajt kien in-nuqqas ta' l-attur li jipprovdi ħajt b'saħħtu biżżejjed li jilqa' 12-il filata materjal jekk jiġi espost mingħajr ma jiġi indikat lilu x'kellu*

[44] Relazzjoni f'paġ. 67 tal-proċess

*f'rasu l-konvenut u kemm kien sa jesponi dan il-ħajt fil-pedamenti tiegħu, aktar u aktar meta dan kellu kuntatt mal-attur waqt li kien qed jinbena*"[45];

Illi tal-istess fehma kienu l-periti addizzjonali li, minbarra li flew l-atti proċesswali kollha, aċċedew huma wkoll fuq il-post (għalkemm sa dak iż-żmien l-atturi kienu tellgħu l-ħajt tal-ġnien mill-ġdid). Huma jżidu jikkostataw li l-pedament tal-ħajt li bnew l-atturi kien mirfud sewwa miż-żewġ naħat tiegħu[46], li l-atturi ħadu prekawzjonijiet aktar milli kienu meħtieġa meta bnew il-ħajt kif bnewh[47], u li l-fatt li, wara li sar it-tħammil, dik il-medda ta' ħajt tħalliet tperper għal żmien twil bla rfid xieraq, kienet "riċetta għall-kollass tal-ħajt"[48]. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li l-atturi ma kienu naqsu bl-ebda mod filwaqt li l-imħarrkin kienu naqsu b'mod li ġabu l-konsegwenzi ta' dak li ġara. L-imħarrkin baqgħu sal-aħħar jisħqu dwar ir-responsabbilta' tal-atturi għal dak li ġaralhom, u saħansitra jgħidu li l-ħajt li waqa' ma kienx wieħed diviżorju iżda kien "*retaining wall*" li kien jitlob li jinbena bid-doblu u b'saħħtu biżżejjed biex jiflaħ il-pressjoni tal-ħamrija li kienet miġmugħa miegħu. Jistrieħu wkoll fuq il-fatt li, meta l-atturi reġgħu bnew il-ħajt, tellgħuh bid-dobblu, u dan bħala turija ta' kemm l-ewwel ħajt kif imtella' ma kienx mibni kif kien messu jinbena;

Illi dwar dan, il-Qorti diġa' ikkummentat aktar qabel u hawnhekk ittenni li kienu l-imħarrkin infushom (meta fasslu l-binja tagħhom) li l-ħajt riedu jqisuh bħala wieħed diviżorju. Minbarra dan, qegħdin jinqdew b'argument x'aktarx imġebbed meta jisħqu dwar id-dgħufija tal-ħajt kif mibni mill-atturi qabel ma mbagħad bnewh bid-dobblu meta reġgħu tellgħuh mill-ġdid. L-argument huwa mġebbed għaliex id-dgħufija tal-ħajt tal-atturi ħarġet, mhux mill-mod kif kien inbena fil-bidu, iżda meta l-imħarrkin neħħew minn miegħu l-irfid li sa dak iż-żmien u għal għadd ta' snin kien jipprovdi l-istabilita' u s-saħħa tal-ħajt innifsu. B'żieda ma' dan, minħabba n-nuqqas tal-imħarrkin, l-atturi batew iżjed għaliex, meta reġgħu tellgħu l-ħajt u ħejjewlu sisien tad-dobblu, kellhom jinqdew b'art

[45] Tweġiba għall-mistoqsijiet, f'paġ. 105 tal-proċess
[46] § 4.1 tar-Rapport, f'paġ. 158 tal-proċess
[47] § 5.4 tar-Rapport, f'paġġ. 160 – 1 tal-proċess
[48] § 5.6 tar-Rapport, f'paġ. 161 tal-proċess

tagħhom stess għaliex il-ħajt tellgħuh kollu kemm hu fuq ħwejjiġhom bla ma naqqsu xejn mill-art tal-imħarrkin. Dawn, imbagħad, meta bnew il-post tagħhom spiċċaw biex qabbdu l-bini tagħhom miegħu wkoll bla ma tilfu xejn mid-disponibilita' tal-art tagħhom. Din l-aħħar kunsiderazzjoni sejra titqies aktar 'il quddiem meta l-Qorti tistħarreġ it-talbiet attriċi dwar il-kumpens għall-appoġġ;

Illi, minbarra dan, ma tantx jista' jiswa l-argument tal-imħarrkin li dak iż-żmien ix-xogħol fis-sit tagħhom ma setax jitkompla minħabba ċ-ċfales kawżati mix-xita u l-maltemp li kien għamel f'dawk il-ġimgħat. Jekk xejn, dak l-argument aktar jixħet ħtija fuq l-imħarrkin li, minkejja li kienu jafu li x-xogħol ta' tindif tas-sit kien qed isir fix-xhur meta l-iżjed wieħed jistenna xita u maltemp, ma għamlu xejn biex jiżguraw li l-ħajt ma jibqax mikxuf għal żmien twil u suġġett bħaż-żieda tal-piż tal-ħamrija mxarrba u l-irjieħ iħabbtu fih;

Illi għalhekk il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni tajba għaliex m'għandhiex toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet tal-periti maħturin minnha u ma hemmx raġunijiet li fuqhom imissha, kif jissuġġerixxu l-imħarrkin fit-tieni Nota ta' Osservazzjonijiet tagħhom, titbiegħed minnhom[49]. Il-fehmiet tagħhom, minbarra li jaqblu, huma mfissra b'mod tajjeb u ċar biżżejjed biex il-Qorti tgħarbel liema, mill-verżjonijiet tal-partijiet, tista' toqgħod fuqha u liema huma dawk iċ-ċirkostanzi fattwali li fuqhom tista' tasal għall-konvinċiment tagħha. Huma wkoll fehmiet li la huma kontra r-raġuni u lanqas imorru kontra xi dispożizzjoni tal-liġi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tilqagħha, filwaqt li sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba** jingħad li din hija l-konsegwenza diretta mas-sejbien tal-ħtija. L-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din it-talba attriċi, sewwasew għaliex

[49] Art. 681 tal-Kap 12

waqqfu l-linji difensjonali tagħhom fuq in-nuqqas ta' responsabbilta' min-naħa tagħhom għal dak li ġralhom l-atturi. Issa, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-imħarrkin jaħtu għal dak li ġara, u ladarba l-imħarrkin ma ikkontestawx il-pretensjonijiet tan-nefqiet magħmula mill-atturi, dan ifisser li l-imħarrkin lanqas ma jikkontestaw il-kalkolu u l-likwidazzjonijiet magħmula mill-ewwel perit. Kemm hu hekk, meta l-periti addizzjonali żammew l-ewwel seduta u talbu lill-imħarrkin biex jfissru fejn ma kenux qegħdin jaqblu mal-fehmiet tal-ewwel perti, ma semmew bl-ebda mod (lanqas b'riżerva "*dato ma non concesso*", f'każ li d-difiża ewlenija tagħhom ma tintlaqax) li kienu qegħdin jikkontestaw il-likwidazzjoni magħmula minnu[50];

Illi fuq is-saħħa ta' riċevuti, provi, xhieda u kostatazzjonijiet diretti li għamel fl-aċċessi li huwa żamm qabel ma ressaq ir-Rapport tiegħu, l-ewwel perit wasal għal-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' elfejn tmien mija u seba' u ħamsin lira Maltija (Lm 2,857)[51]. Din il-likwidazzjoni fissirha fi prospett imqassam u raġunat b'reqqa u li jinftiehem[52]. Dak l-eżerċizzju kien mgħejjun ukoll mill-fatt li l-atturi, qabel iż-żmien li l-perit kien qiegħed iwettaq il-ħatra tiegħu, kienu reġgħu tellgħu l-ħajt u n-nefqa li kellhom jagħmlu kienet saret diġa, b'mod li d-danni tagħhom kienu fis-sura ta' *damnum emergens*, jiġifieri nefqa attwali[53] u mhux biss maħsuba. Hekk ukoll, il-likwidazzjoni saret dwar kull aspett li ntlaqat mit-tiġrif tal-ħajt u biex il-qagħda reġgħet tqiegħdet kif kienet qabel ġara dan kollu. Fuq kollox, hija likwidazzjoni li tieħu qies tal-ħsarat fil-post tal-atturi minħabba x-xogħlijiet li saru mill-imħarrkin;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ħsara mġarrba mill-atturi fis-somma ta' sitt elef sitt mija u ħamsa u ħamsin euro (€ 6,655), liema somma trid titħallas mill-imħarrkin solidalment bejniethom għall-finijiet tat-**tieni u t-tielet talbiet attriċi**;

[50] Ara verbal tas-seduta peritali 21.3.2005, f'paġ. 168 tal-proċess
[51] Li jġibu € 6,655 fi flus tal-lum
[52] Ara Appendiċi "A" mar-Rapport, f'paġ. 69 tal-proċess
[53] Ara d-dokumenti f'paġġ. 22 sa 32 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **l-aħħar żewġ talbiet attriċi**. Kif ingħad qabel, l-imħarrkin ma jikkontestawx il-fatt li huma tabilħaqq inqdew bil-ħajt diviżorju (mtella' mill-ġdid mill-atturi b'nefqa kollha tagħhom weħidhom) u rabtu miegħu l-binja tagħhom. Huma jikkontestaw biss il-fatt li t-talba għall-kumpens saret l-ewwel darba meta l-atturi fetħu l-kawża u sewwasew fl-istess kawża;

Illi t-talbiet attriċi jinbnew fuq dak li tipprovdi l-liġi fl-artikoli 413 u 418 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 418 tal-Kodiċi jrid li sid jista' jagħżel li jagħmel komuni ħajt li jmiss mal-fond tiegħu billi jħallas lil sidu n-nofs ta' kemm jiswa kollu jew il-biċċa li jrid jagħmel komuni, u kif ukoll n-nofs ta' kemm tiswa l-art li fuqha ttella' dak il-ħajt. Dan jgħodd ukoll il-pedamenti li fuqu jkun ittella' dak il-ħajt, liema sisien jagħmlu mill-istess ħajt u jsaħħuh[54]. Il-liġi torbot lis-sid li jrid jagħmel komuni l-ħajt li jagħmel ukoll ix-xogħlijiet meħtieġa biex ma ssirx ħsara lill-ġar li kien is-sid waħdieni tal-imsemmi ħajt. Min-naħa l-oħra, l-artikolu 413 jipprovdi li kull komproprjetarju li jkun qiegħed itella' bini jista' jpoġġi l-bini tiegħu ma' ħajt komuni u jdaħħal travi sa nofs il-ħxuna ta' ħajt bħal dak u kif ukoll li jqabbad il-ħitan tiegħu mal-istess ħajt;

Illi ż-żewġ artikoli m'għandhomx jinqraw għal rashom, imma jridu flimkien fil-qafas tal-artikoli l-oħra li jinsabu f'dik il-parti tal-Kodiċi. Issa huwa ċar mill-provi mressqa li meta l-atturi tellgħu l-ħajt l-ewwel darba, dan kien jifred bini minn sit mhux mibni (dak tal-imħarrkin), minbarra li ttella' kollu kemm hu fuq art l-atturi stess. L-istess ġara meta l-atturi reġgħu bnewh mill-ġdid wara li ġġarraf. Għalhekk, kemm bi preżunzjoni tal-liġi[55] u kif ukoll bi provi oħrajn, wieħed għandu jqis li l-ħajt kien kollu kemm hu tal-atturi;

Illi l-kelma "bini" fl-artikolu 413 m'għandhiex tinftiehem biss fis-sens dejjaq ta' "binja sħiħa", imma tgħodd fiha kull kostruzzjoni jew benefikat, ukoll jekk wieħed temporanju, li kapaċi jagħti protezzjoni jew kenn[56] jew kull mod ieħor li joffri sura ta' servizz lil dak illi jrid jirrendi l-ħajt komuni[57].

[54] App. Ċiv. **20.2.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs Grima*** (Kollez. Vol: **XL.i.52**)
[55] Art. 409(3) tal-Kap 16
[56] P.A. **29.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Seguna et vs Aġius*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1065)**
[57] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1347**)

Tali jedd – li jgħodd għall-komproprjetarju tal-ħajt li miegħu jkun sejjer isir l-appoġġ – jinħalaq hekk kif issir l-għażla min minn ikun inqeda bil-ħajt komuni u ma l-għażla ma tistax titraġġa' lura[58]. Fuq kollox, il-jedd mogħti taħt l-artikolu 413 huwa l-konsegwenza tal-kisba tal-komproprjeta' tal-ħajt u mhux il-konsegwenza tal-fatt li l-ġar ikun appoġġa miegħu[59] ;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u tal-kostatazzjonijiet fattwali u tekniċi oħrajn li joħorġu mill-atti tal-kawża, il-Qorti tasal għall-fehma li r-raba' talba attriċi wkoll hi mistħoqqa u sejra tilqagħha. Jerġa' jingħad li, fis-sewwa, l-imħarrkin ma jmerux din il-pretensjoni tal-atturi;

Illi dwar **il-kriterju tal-kumpens dovut**, l-ewwel perit tekniku wera l-fehma li l-kumpens li l-atturi għandhom jirċievu mingħand l-imħarrkin huwa dak tan-nefqa tax-xogħlijiet biex ittella' l-ħajt li miegħu sar l-appoġġ u tal-materjal li ntuża minflok dak li kien hemm meta l-ħajt iġġarraf. Dan għamlu fi prospett imfisser mehmuż mar-Rapport tiegħu[60]. Il-Qorti tifhem li l-qies meħud mill-perit kien jinkludi globalment is-siwi tal-art tal-atturi li l-imħarrkin riedu jiksbu biex jagħmlu komuni l-ħajt li miegħu rabtu l-bini tagħhom. Huwa prinċipju aċċettat sa minn żmien ilu li, f'każ ta' kumpens dovut taħt l-artikolu 418, il-kumpens għandu jiġi stabilit fuq il-valur tal-ħajt fiż-żmien meta jiġi pratikat l-appoġġ u mhux fiż-żmien meta jintalab il-ħlas jew meta jsir tali ħlas[61]. F'dan il-każ, il-likwidazzjoni saret żmien qrib biżżejjed meta kien sar l-appoġġ, minbarra li l-atturi kienu ressqu l-ewwel talba għall-kumpens biss meta fetħu l-kawża. Il-perit wasal għall-fehma li l-kumpens dovut mill-imħarrkin biex għamlu komuni l-ħajt u biex serrħu miegħu l-binja tagħhom jitla' għal elf u tliet mitt euro (€ 1,300)[62];

Illi ħadd mill-partijiet ma miera jew ikkontesta l-valutazzjonijiet magħmulin mill-perit tekniku. Il-Qorti,

[58] P.A. LFS **16.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***E Grech Cristal Bath Ltd vs Michele Peresso Ltd*** (konfermata fl-Appell **25.3.2011**)
[59] Ara P.A. GCD **7.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Camilleri et vs Nicholas Cutajar*** (konfermata fl-Appell **3.12.2004**)
[60] Ara Appendiċi "B", f'paġ. 70 tal-proċess
[61] App. Ċiv. **15.10.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.163**)
[62] Lm 558.09

għalhekk, tista' toqgħod fuq u tafda l-valutazzjonijiet magħmulin mill-istess perit u tadotta dik li tgħodd għall-każ bi tħaddim tal-prinċipju li għadu kemm issemma;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi fis-somma ta' elf u tliet mitt euro (€ 1,300);

Illi minħabba li l-atturi qatt ma kienu ressqu talba mal-imħarrkin għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens sa dak inhar li fetħu l-kawża, l-Qorti taqbel mal-imħarrkin li huma ma għandhomx jerfgħu l-ispejjeż ġudizzjarji marbutin ma' dawk it-talbiet. Il-Qorti sejra tqis dan meta tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin, **tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu għall-ħsara u d-danni mġarrba mill-atturi fid-dar tagħhom bl-isem ta' "*The Lodge*", fi Triq il-Knisja, Ħal Tarxien, waqt li l-imħarrkin kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' żvilupp u bini f'sit tagħhom li jmiss mal-imsemmi post;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara mġarrba mill-atturi fis-somma ta' sitt elef sitt mija u ħamsa u ħamsin euro (€ 6,655), liema somma trid titħallas mill-imħarrkin solidalment bejniethom;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' sitt elef sitt mija u ħamsa u ħamsin euro (€ 6,655) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' r-raba' talba** u ssib li l-imħarrkin għamlu komuni l-ħajt li jifred il-post tal-atturi mis-sit li huma kienu qegħdin jibnu u eżerċitaw il-jedd tal-appoġġ li tiegħu l-atturi jistħoqqilhom kumpens, liema kumpens il-perit imqabbad mill-Qorti illikwida fis-somma ta' elf u tliet mitt euro (€ 1,300);

Tordna li l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża** marbutin mal-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li dwar ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------